MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru 336/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Priviledge Mupimhidzi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Priviledge Mupimhidzi maghruf bhala Stephen ta’ 19-il sena, mwieled fl-14 ta’ Ottubru 1986 iz-Zimbabwe, iben Patrick u Veronica nee’ Zammit u residenti Mayfair Flats Flat C, Pioneer Road, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita’ numru 123804L gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-gzejjer, nhar id-19 ta’ Marzu 2006 f’ dawn il-gzejjer f’ San Pawl il-Bahar, Bugibba f’ xi hin bejn il-hdax

ta’ filghodu u t-tlieta ta’ wara nofs inhar griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Nicholas Galea peress li kkagunalu ksur skond ma ccertifika Dr. Reuben Grech Reg no 9893 tal-Sptar San Luqa.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Mejju, 2006 (esebit a folio 24 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta’ April, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggieh taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, Priviledge Mupimhidzi ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi

kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghanduh/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Priviledge Mupimhidzi ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b' kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-probation idoneju ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------